## ĠABRA TA' ISMIJIET TA' QADDISIN, PERSUNAĠĠI BIBLIĊI U TAL-VANĠELU LI JIDĦLU FI QWIEL, IDJOMI U FRAŻIJIET MALTIN

*Ta'* Gino Muscat Azzopardi

*(Din il-ġabra hija meħuda mill-ktieb ta' l-artikolist)*
*"KIF NGĦIDUHA" li għad mhux mitbugħ)*

F'San Anard iżra' f'kull art.

Sant'Andrija nofs il-muxa mitmugħa u l-miżergħa miżrugħa.

Santa Barbara la deni u anqas ħsara.

(Serva) ta' Ċirinew.

Wiċċ ta' Erodi.

Qisha r-reġina Ester.

(Kien hemm nies) daqs il-Fariżej.

Donnu Kristu tal-ferli.

Telagħlu San Filep

Viva San Filep la x-xitan irid hekk.

Batut daqs Ġobb.

Għandu paċenzja ta' Ġobb.

Bewsa ta' Ġuda.

Fost l-appostli kien hemm Ġuda.

Tal-grazzja Ħaż-Żabbar—*Għal Madonna tal-Grazzja.*

(Ġralu) bħall-iben prodku.

(Ninsab) imsallab daqs Kristu.

(Jiġbor kollox) donnu Lazzru.

(Hadt fastidju?) biegħu lil Lazzru.

Donnu Lazzru ħiereġ mill-qabar.

(Tani) flus ta' Santa Liena.

Supperv daqs Luċifru.

Wiċċ ta' Luċifru.

Għajnejn Santa Luċija—*ħaxixa.*

Santa Luċija u l-jum jitwal b'pass ta' tarbija.

Għal San Luqa fiż-żara' tistaħba għattuqa.

Xuxet il-Maddalena—*fjur.*

Xagħar il-Maddalena—*ħaxixa.*

(Anqas li kienet) duwa tal-Maddalena.

Idu daqs ta' Malku.

Ix-xita f'San Mark nar fl-art.

Is-sajf ta' San Martin il-biedja tifraħ bih.

F'San Mattew iżra' t-tewm.



Għal San Mattija l-jum jagħmel pass ta' tarbija.

Dak li jagħqad sa San Mikiel jidħol fil-miżien.

Għal San Mikiel lesti l-gandlier.

(Donnu dak) ta' taħt San Mikiel.

Ilsien San Pawl—*fossili.*

Iqalleb daqs it-temp f'San Pawl ta' Jannar.

Għażżien daqs is-sejf ta' San Pawl.

(Taħ waħda) tal-Beati Pawli.

(Dħalt) bħal Pilatu fil-kredu.

(Toqgħodx tibgħatni) minn għand Qajfas għal għand Pilatu.

Mans daqs il-ħaruf ta' Pilatu.

(Hasel) idu bħal Pilatu.

(Donnok) il-għaġeb tal-presepju.

Sal-Qaddisin Kollha r-riħ fuq jiġi bil-bolla.

(X'int) reġina profittarum...—*Regina prophetarum.*

Għaref daqs Salamun.

Jiflaħ *jew* b'saħħtu daqs Sansun.

(Dam miegħu) mill-Milied sa San Stiefnu.

Int bħal San Tumas (jekk ma tarax ma temminx).

Għal San Tumas il-jum jagħmel pass ta' ħmar qammas.

F'San Xmun iżra' niexef jew miblul.

(Baqa' donnu) San Xmun Stokk *jew* Santu Stokk.

San Ġużepp kemm inċanaha.

*N.B. — Il-kliem fil-parentesi huwa miżjud biex il-frażi tkun tista' tiftiehem aħjar.*

---

## VARIA ATQUE BREVIORA

*Ta'* A. Cremona

Il-kelma *Qalb* f'xi espressjonijiet Maltin :—

Għamel il-qalb; qalbu tajba, ħażina; mur bil-qalb it-tajba; għamel f'qalbu; ħabib tal-qalb; qalb il-bniedem Alla biss jaf x'fiha; żamm f'qalbu; qelbu ħebritu; għamilli qalb ta' sur; kisirli qalbi; djieq il-qalb; għedt f'qalbi; ħruq ta' qalb; bejtu f'qalbu; qasam qalbu; qalb ta' tigra; qata' qalbu; fetaħ qalbu miegħi; tferfir ta' qalb; ħlewwa ta' qalb; konna lkoll qalb waħda; qalbu sewda; telaq fuq il-qalb; ħadem bla qalb, bil-qalb; fejn hu qiegħed mhux għal qalbu; sab ruħu qalb ħafna nies; sibtu qalb il-karti.

*(Jissokta fil-faċċ. 31)*